**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-6 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 412/2021 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**SG**

**Vs**

**RG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta` SG datat 15 ta' Settembru 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disgha mija tnejn u disghin (27/06/1992) (kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala dok A);*

2. *Illi l-partijiet sseparaw fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) permess ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Margaret Heywood u ghalhekk ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin (Hawn anness u mmarkat bhala Dok B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li m'hemm*

*ebda manteniment bejn il-partijiet u t-tfal illum huma kollha maggorenni;*

5. *Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

6. *Illi l-esponenti tixtieq tirriverti lura ghal kunjom xbubitha li huwa S.*

*Ghaldaqstant l-esponenti f'dawn ic-cirkostanzi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha S;*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta RG, datata 12 ta' April 2022, a fol 19 li taqra hekk:

*Li permezz taghha huwa jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u jaqbel mal-premessi kollha tar-rikors guramentat.*

*Illi madanakollu huwa ma ghandux ibati spejjez ta' din il-procedura.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RG xehed** (vide affidavit fol 21) illi l-partijiet zzewgu nhar it-22 ta' Gunju 1992 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt tas-17 ta' Jannar 2002 u cioe' aktar minn ghoxrin sena ilu. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonferma illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u llum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**SG xehdet** (vide affidavit fol 23) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehdet l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Gunju 1992, liema zwieg jgib certifikat numru 1058/1992 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 8). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum kollha maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood nhar is-17 ta' Jannar 2002 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 3 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat it-talba tal-attrici biex tirriverti ghal kunjom xbubitha S.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1058/1992 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe S u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**